MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 735/1973/2

In-Nobbli Robert u b' digriet tal-21 ta' Novembru 1979 l-atti gew trasfuzi fil-persuna ta' Frances Manduca, Frances, u b'digriet tal-5 ta' Mejju, 1993 assumiet l-atti Marie Louise Muscat minhabba l-mewt ta' Frances Manduca, Marie Louise mart Dottor Francis Muscat minnu assistita u b'digriet 20 ta' Mejju 1994 Joseph Muscat Manduca u Miriam Cremona personalment u ghan-nom ta' ohtha Marlene Farley Hills assenti minn dawn il-gzejjer assumew l-atti f'isimhom flok Dr. Francis Muscat li miet fil-mori tal-kawza, u b' digriet tas-26 ta' Lulju 1997 l-atti gew trasfuzi in kwantu Marie Louise Muscat fil-persuni ta' Joseph Muscat Manduca, Miriam mart il-Professur Rene Cremona u Marlene mart il-Professur David Farley Hills, u l-wisq Nobbli Baronessa Maria Angela mart Frank Gordon Kitson u b'nota tas-26 ta' April 1982, l-Avukat Dottor Goffredo Randon assuma l-atti fl-interess ta' l-attrici Baronessa Maria Kitson Attard Montalto assenti minn Malta, u b' nota tal-20 ta' Lulju 1994 il-Barunessa Maria Angela Attard Montalto assumiet l-atti personalment, ahwa Manduca

vs

In-Nobbli Anthony dei Conti Manduca f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' ohtu msiefra n-Nobbli Miriam mart Norman Semini u b'digriet tal-11 ta' Marzu 1992 gew mahtura kuraturi u l-Avukat Dottor Mark Chetcuti u l-P.L. Carmen Depasquale biex jirrapprezentaw lil Miriam Semini u Rose Arnold fl-atti kollha tac-citazzjoni, u b'nota tal-11 ta' Settembru, 1992 Louis Micallef assuma l-atti tal-kawza ghan-nom ta' Miriam Semini, u b'digriet tat-22 ta' Ottubru 1973 l-Avukat Dottor Joseph Zammit Maempel u l-P.L. Anthony Barbara gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-imsiefer Nobbli Louis dei Conti Manduca u b'digriet tas-16 ta' Awissu 1976 l-istess Nobbli Louis dei Conti Manduca assuma l-atti f'din il-kawza u l-atti sussegwenti u b'digriet tat-22 ta' Ottubru 1973 gie nominat Anthony dei Conti Manduca bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefra Nobbli Rosa mart Anthony Camilleri, u b'digriet tal-25 ta' Gunju 2003 l-atti gew trasfuzi f'isem Michael Kitson Attard Montalto, Susan Lee, Philip Kitson Attard Montalto u Frank Gordon Kitson li qed tidher ghalihom Marija Pisani u b'digriet tas-7 ta' Novembru 1990 giet kjamata fil-kawza Yvonne Cachia bhala direttrici tal-Kumpanija Yveto Company Limited

Il-Qorti;

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha ppremettew illi:

Peress li fil-11 ta' Awissu 1960, miet in-Nobbli Antonio dei Conti Manduca (Dok A) u b'testment pubblikat min-Nutar Dottor Edoardo Calleja Schembri fid-19 ta' Gunju 1950 (Dok B) wara li halla xi legati hemm imsemmija fosthom prelegat ta' tlett mitt lira (Lm300) u l-uzufrutt tad-dar fl-Isla, Strada San Giuseppe numru 177 inkluzi mobbli u suppellettili istitwixxa eredi tieghu fil-beni tieghu f'sehem indaqs lill-ulied tieghu Silvia armla minn Dottor Giuseppe Ruggier, Carolina armla mill-Baruni Giuseppe Attard Montalto, Marie Louise mart Dottor Francis Muscat, Francesca (Frances), Roberto u Salvino ahwa Manduca.

Peress li fis-6 ta' Dicembru 1965 (Dok C) mietet Silvia armla Ruggier u b'zewg testmenti taghha wiehed sigriet tas-7 ta' Settembru 1949 u iehor pubbliku tas-7 ta' April 1958 pubblikat min-Nutar Dottor Vincenzo Maria Pellegrini (Dok D u E) wara li halliet diversi legati u prelegati imsemmijin fit-testmenti istitwiet bhala eredi taghha lill-missierha Antonio u lil hutha Salvatore, Roberto, Carolina Baronessa Attard Montalto, Frances u Marie Louise mart Dottor Francis Muscat u stante li missierha kien diga` mejjet sehmu ghadda fuq uliedu il-co-eredi fuq imsemija.

U peress li fl-1967 miet in-Nobbli Salvatore dei Conti Manduca u l-eredi tieghu huma uliedu l-konvenuti n-Nobbli Louis, Lilian Borg Olivier, Miriam mart Norman Semini, Rose mart Anthony Camilleri u Antonio ahwa dei Conti Manduca.

U peress li l-imsemmija Lilian Borg Olivier ittrasferiet is-sehem taghha tal-wirt lill-atturi n-Nobbli Robert, Frances u Marie Louise mart Dottor Francis Muscat ahwa Manduca.

U peress li n-Nobbli Carolina Baronessa Attard Montalto mietet u l-eredi taghha hi l-unika bintha, l-attrici Maria Angela Baronessa Attard Montalto mart Frank Gordon Kitson.

U peress li l-kontendenti jippossjedu bejniethom in komuni l-beni immobiljari formanti l-assi tan-Nobbli Antonio dei Conti Manduca fil-kwoti indikati fid-dikjarazzjoni.

U peress li l-atturi ma jridux li din il-proprjeta` tibqa' aktar in komuni u jridu li ssir id-divizjoni taghha in kwantu hu possibbli.

L-atturi talbu lill-Qorti sabiex:

1. Jigu likwidati l-assi tal-imsemmi Antonio dei Conti Manduca u jigi dikjarat li jikkonsisti fil-beni ndikat fil-prospett (Dok F) prezentat mac-citazzjoni u f'beni ohra li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Dawn il-beni jigu divizi bejn il-kontendenti skond il-kwoti taghhom indikati fid-dikjarazzjoni jew fi kwoti ohra jekk jirrizulta diversament fit-trattazzjoni tal-kawza, soggett dawn il-beni ghad-drittijiet ta’ uzufrutt fejn hu l-kaz kif jirrizulta waqt l-istess trattazzjoni.

3. Jigu nominati periti mehtiega ghall-istess likwidazzjoni u divizjoni, u nutar ghal fini tal-pubblikazzjoni tal-atti tad-divizjoni, liema pubblikazzjoni ghandha ssir fil-lok, jum u hin li tiffissa din il-Qorti.

4. Fil-kaz li ma tistax issir id-divizjoni tigi ordnata l-licitazzjoni tal-istess beni bl-ammissjoni ta’ oblaturi barranin.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti li minnha jirrizultaw ukoll il-kwoti rispettivi tal-partijiet meta giet intavolata c-citazzjoni, u l-lista tax-xhieda ta’ l-atturi. Rat il-lista tal-proprjeta` Dokument “F”.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tan-Nobbli Anthony dei Conti Manduca f’ismu proprju u bhala mandatarju tan-Nobbli Miriam mart Norman Semini u kuratur deputat tal-imsiefra Nobbli Rosa mart Anthony Camilleri li biha eccepixxa:

Illi l-konvenut ma jopponix ruhu ghat-talbiet attrici.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ l-Avukat Dottor Joseph Zammit Maempel u l-Prokuratur Legali Anthony Barbara bhala kuraturi deputati biex jirrappresentaw lill-imsiefer Nobbli Louis dei Conti Manduca fejn eccepew:

Illi huma mhux edotti mill-fatti li taw lok ghall-kawza odjerna u jirriservaw li jaghtu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tan-Nobbli Louis dei Conti Manduca li eccepixxa:

Illi l-attur Robert dei Conti Manduca miet fil-mori tal-kawza u in forza ta' testment tieghu llum hi eredi tieghu Frances Manduca li hi l-ezekutrici ta' Antonio id-decuius fid-divisjoni quddiem din il-Qorti. Illi f'kaz ta' premorienza ta' Frances kellha tkun eredi l-attrici l-ohra Marie Louise Muscat. Illi dan juri car illi dawn it-tlieta kienu bhala attrici u mhux konvenuta. Illi f'dan il-mod ma saritx it-talba li ggieghel lill-ezekutur jaghti rendikont u jistabilixxi l-entita` ta' l-assi tal-mejjet Antonio Manduca u tal-wirtijiet li jigu minnu.

Illi ghaldaqstant ic-citazzjoni ghad-divizjoni kif proposta hi intempestiva u ma setghetx tigi akkordata billi fic-citazzjoni hemm beni li ma jidhlux fil-wirt ta' Antonio Manduca kif ukoll hemm beni li gew omessi barra li ma hemmx ebda rendikont ta' dawn l-ahhar ghoxrin sena u l-ipoteka ghadha vigenti kontra Frances Manduca u hi hekk debitrici lejn il-ko-eredi u ma jistax jinghata sehemha qabel din l-amministrazzjoni tigi quittata.

Illi stante li certi proprjetajiet kienu fedecommessari maskili dan kienu diga` kwantu ghal nofs proprjeta` ta' Robert u Salvatore u n-nisa ma kellhomx parti minnhom. Dan ma giex indikat fic-citazzjoni u l-kwota ta' wahda minn hamsa (1/5) ghal wirt kollu hi ghaldaqstant inkorretta u turi kolluzzjoni bejn l-attrici nisa illi b'hekk jigu jakkwistaw aktar minn sehemhom kif hekk ghamlu wkoll fil-kuntratt ta' xiri ta' sehem Lilian armla minn Edgar Borg Olivier li cediet id-drittijiet ereditarji taghha bil-prezz irrizorju ta' Lm450 bla ma giet indikata l-konsistenza tal-assi, li biha kienu jafu biss il-kompraturi.

Illi ghaldaqstant it-talba ghal divizjoni hi intempestiva u salv li l-attrici Frances Manduca tigi mqeghda bhala konvenuta fil-kwalita` ta' ezekutrici u taghti d-debitu rendikont u tistabilixxi l-entita` tal-assi ta' Antonio Manduca bl-origini u modalita` ta' kull proprjeta` li

amministrat u halliet f'idejn haddiehor biex jamministra din id-divizjoni kif mitluba tigi in frodi tal-konvenuti.

1 Illi ghaldaqstant il-konvenut eccepixxa l-intempestivita` tal-azzjoni; u

2 L-irregolarita` tal-pozizzjoni assunta minn Frances Manduca li mill-bidu kienet imiss mqeghda bhala konvenuta; u

3 Li mhux stabbilita` il-konsistenza tal-assi ta' Antonio Manduca kif ukoll l-ishma tal-kondividenti.

4 Illi ma proprjeta` m'hemm imkien illi l-oggetti tal-valur, flus u titoli imqassmin f'ghomor Antonio Manduca.

5 Illi hemm kawza pendenti kontra Frances Manduca rigwardanti malamministrazzjoni u approprjazzjoni ta' proprjeta` f'isimha kif ukoll rapport ta' dan lill-Avukat Generali tar-Repubblika.

6 Illi minflok qeghdet is-sehem Salvatore u Robert bhala xerrejja qeghedet is-sehem u xtrat fil-18 ta' Ottubru 1950 id-dar Bay View Cottage Marsascala kif ukoll il-fond numru 5, Triq Sant'Ursola, Senglea li l-konvenut sar jaf bih dan l-ahhar bil-flus tal-vocati maskili, ad insaputa taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet tad-19 ta' Novembru 1973 li permezz tieghu gie nominat bhala Perit Legali Dr. Herbert Ganado, u tat-13 ta' Jannar 1975 tal-Perit Anthony Borg ghall-finijiet tal-istima tal-immobbli.

Rat id-digriet tat-30 ta’ Awissu 1978 li permezz tieghu ssostitwiet lil Dr. Herbert Ganado b’ Dr. Carmelo Vassallo.

Rat li fit-22 ta’ Frar 1982 l-Perit Arkitett Anthony Borg halef ir-rapport tieghu.

Illi permezz ta’ nota a fol 148 tal-process il-Perit Tekniku irrileva li:

“Illi peress li mill-ewwel stima li saret sallum kien hemm bidla sostanzjali fil-valur tal-proprjeta` immobiljari, is-sottoskritt qieghed jissottometti stima u pjan ta’ divizjoni godda a bazi tal-prezzijiet kurrenti…”

Xehed l-Arkitett u Inginier Civili Anthony Borg li qal li pprezenta zewg relazzjonijiet u li t-tieni relazzjoni kien ghamilha minn jeddu. Anke l-pjan ta’ divizjoni ghamlu minn jeddu minghajr hadd ma kellmu imma kien taht l-impressjoni li kellu jaghmlu.

Louis Manduca pprezenta affidavit fejn fih semma li fid-9 ta’ Gunju 1853 il-Conti Vincenzo Manduca Piscopo Macedonia permezz ta’ testment fl-atti tan-Nutar Tommaso Sciortino kien impona fedekommess fuq l-eredita` tal-proprjeta` kollha li wiret Don Antonio Del Conti Manduca mill-eredita` ta’ Don Giuseppe missieru sar-raba’ generazzjoni inkluz. Bhala rizultat la Antonio Del Conti Manduca u l-anqas it-tfal u dixxendenti tieghu sa l-imsemmi kwarto grado ma setghu ghal-ebda raguni ibieghu, jipotekaw jew b’xi mod iehor jittrasferixxu a favur persuni ohra l-proprjeta` kollha u b’hekk ihalluhom liberi bl-istess titolu li wiret Giuseppe missieru.

Qal li minn meta kien zghir kien iqatta’ hafna zmien ma’ nannuh Antonio specjalment fil-vaganzi tas-sajf u nannuh kien jiehdu mieghu izur il-proprjeta` f’Wied il-Ghajn, Ghawdex u bnadi ohra. Qal li nannuh dejjem kien jghid lill-uliedu illi huma ma ghandhom xejn u li l-proprjeta` kollha kienet tax-xhud.

Qal li kemm missieru kif ukoll nannuh Antonio, buznannuh Salvatore u buz-buz nannuh Antonio kienu jgawdu l-proprjeta` tal-familja bhala uzufruttwarji matul hajjithom u wara mewthom skond il-fedekommess hu kellu jiret il-proprjeta` kollha. Semma li fl-1950 kienet saret ligi li biha l-fedekommessi gew imhassra izda l-proprjeta` mehlusa mill-fedekommess kellhom isiru tal-possessur u cioe` li kien nannuh dak iz-zmien f'nofs biss, filwaqt li n-nofs l-iehor kellu jsir tieghu. Qal li f'Gunju 1950 nannuh Antonio ghamel testment illi bih kien halla l-proprjeta` kollha liberata u derogata mill-fedekommess skond il-ligi l-gdida u istitwixxa u nnomina bhala werrieta tieghu f'sehem indaqs lill-uliedu kollha inkluz missieru.

Qal li hu istitwixxa procedura kostituzzjonali li biha talab lill-Qorti tiddikjara li l-Att Numru XII tal-195O kien null u bla ebda effett skond il-ligi billi huwa inkonsistenti mad-drittijiet u libertajiet fundamentali skond l-Artikolu 3 (2) tal-Kapitlu 319 u lesiv tad-drittijiet fondamentali garantiti l-artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni. Qal ukoll li istitwixxa proceduri legali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li bihom talab lill-Qorti tiddikjara, fil-kaz li l-ligi tal-1950 hija valida, illi bl-Att tat-Twaqqif tal-Fedekommess istitwit fil-1853 huwa l-proprjetarju u intitolat igawdi l-proprjeta` kollha marbuta bil-fedekommess li jikkonsisti f'almenu nofs l-ereditia` ta' nannuh Antonio u li huwa wkoll eredi ta' 1/5 tan-nofs l-iehor tal-eredita` rimanenti ta' nannuh. Missieru Salvatore ma halla l-ebda testment pubbliku jew sigriet.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Carmelo Vassallo prezentata fis-17 ta' Lulju 1997 li tinstab a fol 534 et tal-process. Wara li ezamina c-citazzjoni, nota tal-ecezzjonijiet, provi tal-atturi, provi tal-konvenuti, u l-perizja tal-Arkitett Anthony Borg, id-dokumenti dwar il-fedekommess in kwistjoni, il-partijiet fil-kawza u l-eccezzjonijiet tal-konevnut Manduca (ma' liema osservazzjonijiet il-Qorti taqbel u taghmel taghha u mhux qed tirriproducihom ghal skop ta' pratticita` izda jinstabu a fol 554 et tal-process), il-kwistjoni dwar il-fedekommess, il-Perit Legali kkonkluda li:

**“1.   Il-Beni in divizjoni**

Dawn kif deskritti u stmati mill-Perit Borg jinsabu elenkati fil-Kapitolu IV supra.  Meta paragonati mal-lista tal-beni a folio18 tal-process, wiehed jinnota dawn id-differenzi:

a)     Fil-lista l-kwota ta’ l-ghalqa ta’ Darumblat hija indikata bhala 1/6 u fl-istess stima hija 1/9;

b)     Il-fond f’Church Avenue hu soggett ghall-uzufrutt fuq il-lista, huwa indikat bhala Church Street u fi piena proprjeta` fl-istima;

c)     Il-fond indikat fil-lista garage Marina Wharf hui ndikat fl-istima 9, Triq Juan Azzopardi;

d)     L-ghalqa tas-Salib il-Marsa hija indikata bhala “parti” fil-lista, u intiera fl-istima; u l-istess a rigward l-ghalqa tal-Wati.  B’nota tal-21 ta’ Mejju 1997, Joseph, Miriam Cremona u Marlene Farley Hills iddikjaraw illi l-ghalqa tal-Marsa ma ghandhiex tifforma parti mid-divizjoni ghax kulhadd barra minnhom gja biegh sehemu minn din l-ghalqa. Irrizulta wkoll illi l-fond ta’ Church Street, Paola, ma hux soggett ghall-uzufrutt.

L-esponent jissottometti li d-deskrizzjonijiet tal-fondi kif stmati mill-Perit fir-rapport tieghu ghandhom jipprevalu u ghalhekk dawn il-beni ghandhom jigu konsiderati bhala li jifformaw l-assi tad-decujus Anthony dei Conti Manduca.

Ma saru ebda provi dwar flus u depoziti, u ebda stima ta’ mobbli jew oggetti ta’ valur ma giet prodotta.

**2.   Il-Kwoti tal-Partijiet**

1.     Fid-dikjarazzjoni annessa mal-att tac-citazzjoni a folio 3A hemm dawn il-kwoti:

i.     Robert Manduca: 1/5 + 1/75 (sehem mixtri minghand Lilian Borg Olivier)     16/75
ii.     Frances Manduca: 1/5 + 1/75 (sehem mixtri minghand Lilian Borg Olivier)     16/75

iii. Marie Louis Muscat: 1/5 + 1/75 (sehem mixtri minghand Lilian Borg Olivier) 16/75
iv. Baronessa Maria Angela Attard Montalto Kitson 1/5
v. Louis Manduca 1/5
vi. Miriam Semini 1/25
vii. Rose Camilleri 1/25
viii. Antonio Manduca 1/25

2. Fit-testment tieghu (folio 5) id-decujus qal hekk:
i. Irrevoka testmenti precedenti.
ii. Ghamel referenza ghal zewg skritti nuzjali li fihom intrabat li ma jhallix lill-uliedu l-ohra izjed milli hadu uliedu Sylvia u Marie Louise, salv li jhalli b'uzufrutt id-dar Numru 177, Triq San Giuseppe, Senglea, lill-uliedu bniet sakemm idumu xebbiet.
iii. Halla Lm300 lil bintu Marie Louise.
iv. Ezenta lill-uliedu bniet mill-kollazzjoni tad-dota.
v. Halla l-uzufrutt tal-post f'Senglea fuq imsemmi lil bintu Frances residenti mieghu, (qal ukoll liuwliedu gja' hadu sehemhom minn xi flus u oggetti prezzjuzi).
vi. Innomina eredi lill-uliedu:

1. Sylvia (Ruggier)
2. Carolina (Attard Montalto)
3. Luigia (Muscat)
4. Frances
5. Roberto
6. Salvino

Huwa halla wkoll zewg fondazzjonijiet u nnomina lil bintu Frances bhala esekutrici.

Minn dawn l-eredi:
1. Sylvia mietet fl-1965 u halliet b'eredi taghha lil missierha u hames hutha, u billi missierha miet qabilha, fl-1960, jigi li sehemha ghadda ghand il-hames hutha (ara citazzjoni).

1. Salvatore miet fl-1967 u halla eredi tieghu lill-uliedu:
a) Louis.

b) Lilian Borg Olivier (li tat sehemha lil Robert, Frances, Marie Louise).
c) Miriam Semini u Rose Camilleri - imsiefrin u rapprezentati minn Dr Mark Chetcuti u l-PL Carmen Depasquale (folio 373) pero` b'nota a folio 375 Louis Micallef assuma l-atti bhala prokuratur ta' Miriam Semini biss.
d) Antonio li ceda sehmu (b'att tas-26 ta' Dicembru 1988 a fol 352) lil Yveto Co. Ltd. rapprezentata minn Yvonne Cachia li giet imsejha fil-kawza (fol 359).

3. Robert miet fl-1978 u l-gudizzju gie trasfuz f'isem ohtu Frances eredi tieghu universali.

4. Carolina mietet u halliet sehemha lil bintha l-konvenuta Maria Angela Kitson.

5. Frances mietet fit-13 ta' Marzu 1993 u halliet b'eredi unika taghha lil ohtha Marie Louise Muscat li fiha gie trasfuz il-gudizzju (folio 382) b'digriet tal-5 ta' Mejju 1993.

6. Marie Louise Muscat mietet fl-1996 u l-gudizzju gie trasfuz f'isem it-tliet uliedha Joseph, Miriam Cremona u Marlene Farley Hill b'digriet tas-26 ta' Frar 1997.

Billi Marie Louise Muscat (mart Dr. Francis) waqt iz-zwieg kienet akkwistat sehem mill-wirt minghand Lilian Borg Olivier (Vide paragrafu 4 (b) supra), dan is-sehem dahal fil-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk minhabba l-mewt ta' Dr. Francis Muscat fl-10 ta' Ottubru 1983 kellha ssir it-trasfuzjoni tal-gudizju f'isem it-tliet uliedu, Joseph, Miriam Cremona u l-imsiefra Marlene Farley Hills b'digriet tal-20 ta' Mejju 1994.

Ghalhekk il-kwoti tal-partijiet wara d-diversi passaggi Dok. XX huwa kif gej:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Maria Angela Kitson | 1/5 |
| 2. | Louis Manduca | 1/25 |
| 3. | Rose Arnold | 1/25 |
| 4. | Miriam Semini | 1/25 |
| 5. | Yveto Co. Ltd. | 1/25 |

| | | |
|---|---|---|
| 6. | Miriam Cremona | 16/75 |
| 7. | Joseph Muscat Manduca | 16/75 |
| 8. | Marlene Farley Hills | 16/75 |

Pjan ta' Divizjoni

Irrizulta illi l-kwoti tal-partijiet huma:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Maria Angela Kitson | 1/5 | Lm 13349.81 |
| 2. | Louis Manduca | 1/25 | Lm 2669.95 |
| 3. | Rose Arnold | 1/25 | Lm 2669.95 |
| 4. | Miriam Semini | 1/25 | Lm 2669.95 |
| 5. | Yveto Co Ltd | 1/25 | Lm 2669.95 |
| 6. | Miriam Cremona | 16/75 | Lm 14239.77 |
| 7. | Joseph Muscat Manduca | 16/75 | Lm 14239.77 |
| 8. | Marlene Farley Hills | 16/75 | Lm 14239.77 |
| | | Total | Lm 66748.92 |

Il-valur totali tal-immobbli stmati mill-Perit Borg hu ta' sitta u sittin elf seba' mija u tmienja u erbghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmi (Lm66748.92), u ghalhekk il-kwoti rispettivi tal-partijiet ghandhom il-valur indikat fuq hdejn il-kwota taghhom.

L-esponent jissottometti dan il-pjan ta' divizjoni.

**Porzjoni I (1/5)**

Maria Angela Kitson tiehu:

177 Triq San giusepp, L-isla (item R) Lm 12000.00
Dirett dominju fuq 77 Triq Dun Mario, Qormi (item A) Lm 5.00
Dirett dominju fuq l-ghalqa tal-flixkun (item D) Ghaxaq Lm 41.08
Tiehu minghand Porzjoni V Lm 1300.00
Dirett dominju fuq l-ghalqa ta' Rumi (item G) Lm 4.16
Lm 13350.24
imissa valur Lm 13349.81
ghandha thallas lill-Porzjoni VIII Lm 0.43

**Porzjoni II (1/25)**

L-ghalqa ta' Brolli, Birzebbugia (item L) Lm 1675.00
Dirett dominju fuq fondi Hamrun (item C) Lm 436.26
1/9 ghalqa ta' Darumblat, Mosta (item J) Lm 350.00
tiehu flus 208.69 minghand porzjoni III Lm 208.69
Lm 2669.95

**Porzjoni III (1/25)**

L-ghalqa tan-Nigret, Rabat (item H) Lm 4500.00

Thallas ekwiparazzjoni ta' :
Lill-porzjoni II Lm 208.69
Lill-porzjoni IV Lm 1369.95
Lill-porzjoni VIII Lm 251.41
Lm 1830.05
Lm 1830.05
Lm 2669.95

**Porzjoni IV (1/25)**

L-ghalqa tax-xiref, Hal-Safi (item I) Lm 1300.00
Tiehu minghand porzjoni III Lm 1369.95
Lm 2669.95

**Porzjoni V (1/25)**

9, Triq San Juan Azopardo L-isla Lm 7000.00
Thallas lill-porzjoni VIII Lm 3030.05
Thallas lill-Porzjoni I Lm 1300.00
Lm 4330.05
Lm 4330.05
Lm 2669.95

**Porzjoni VI (16/75)**

Ghalqa tal-Hotba ta' Vnezja, Mosta (item K) Lm 7000.00
Ghalqa Gnien Sipti, Nadur Gozo (item N) Lm 7500.00
Lm14500.00
Thallas lill-porzjoni VIII Lm 260.23
Lm14239.77

**Porzjoni VII (16/75)**

| | | |
|---|---|---|
| 65, Church Street, Paola (item Q) | | Lm 15000.00 |
| Thallas lill-Porzjoni VIII | Lm 760.23 | |
| | | Lm 14239.77 |

**Porzjoni VIII (16/75)**

| | | |
|---|---|---|
| Ghalqa tal-Gharajjex, Zebbug (item O) | | Lm 9800.00 |
| Lucri capitals bollai (item P) | Lm 11.16 | |
| Cens fuq l-Istabar (item F) | | Lm 42.92 |
| Cens fuq fondi Vittoriosa (item B) | | Lm 58.34 |
| Cens fuq tal-Qasar (itemE1) | Lm 25.00 | |
| Tiehu minghand porzjoni VII | Lm 760.23 | |
| Tiehu minghand porzjoni I | | Lm 0.43 |
| Tiehu minghand porzjoni III | | Lm 251.41 |
| Tiehu minghand porzjoni V | | Lm 3030.05 |
| Tiehu minghand porzjoni VI | Lm 260.23 | |
| | | Lm14239.77 |

**Mod ta' Divizjoni**

Id-divizjoni ssir billi :

1. Maria Angela Kitson Attard Montalto tiehu l-Porzjoni I b' ekwiparazzjoni;

2. Il-porzjonijiet II, III, IV u V jitilghu bix-xorti bejn Louis dei Conti Manduca, Rose Arnold, Miriam Semini u Yveto Co. Ltd.;

2. Il-Porzjonijiet VI, VII u VIII jittellghu bix-xorti bejn Miriam Cremona, Joseph Muscat Manduca u Marlene Farley Hills.

**Riepilogu**

1. Il-kawza prezenti hija l-*actio familiae erciscundae* tad-dritt Ruman, li ghandha bhala oggett il-likwidazzjoni u divizjoni tal-eredita` tal-genituri, u d-decizjoni tal-kwistjonijiet kollha tal-wirt. F' dan il-kaz il-wirt in kwistjoni

hu dak ta’ Antonio Manduca li miet fl-1960, u hemm involuta kwistjoni dwar l-ezistenza ta’ fedecommess.

2. Il-provi tal-atturi huma elenkati fil-Kapitolu II u dawk tal-konvenuti fil-Kapitolu III.

3. Il-perizja tal-Perit Anthony Borg indikat l-immobbli in kwistjoni li huma elenkati fil-Kapitolu IV.

4. Id-Dokumenti dwar il-fedecommess esebiti mill-konvenut Louis dei Conti Manduca huma indikati fil-Kapitolu V.

5. Il-partijiet fil-kawza huma indikati fil-Kapitolu VI.

6. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Louis dei Conti Manduca li l-azzjoni hija intempestiva ma tistax tigi akkolta ghax mhix gustifikata bir-ragunijiet moghtija.

7. It-tieni eccezzjoni tal-konvenut illi l-pozizzjoni tal-attrici Frances Manduca hija irregolari ghandha tigi michuda billi l-konvenut mhux korrett meta jghid li ma tistax tkun attrici.

8. It-tielet eccezzjoni tal-konvenut illi mhux stabbiliti l-konsistenzi tal-assi u l-kwoti tal-partijiet ghandha tigi michuda.

9. L-ilment tal-konvenut illi fic-cessjoni ta’ kwota ereditarja li ghamlet Lilian Borg Olivier ma hemmx indikati l-beni tal-wirt ma hux legalment fondat.

10. Ir-raba’ eccezzjoni illi ma hemmx indikati flus, titoli u oggetti ta’ valur imqassmin f’ghomor Antonio Manduca ma gietx pruvata.

11. Il-hames eccezzjoni tal-istess konvenut hi li hemm kawza kontra Frances Manduca ghall-malamministrazzjoni u approprjazzjoni r-rapport lill-Avukat Generali tal-Kuruna, pero` l-esponent qatt ma gie informat bir-rizultat ta’ dawn il-proceduri.

12. Is-sitt eccezzjoni li Frances Manduca xtrat:

i. Il-fond 5, Triq Sant’ Ursola, Senglea; u
ii. Id-dar Bay Cottage, Marsaskala bi flus tal-Vokati maskili mhix sostenibbli billi:

1. Ma ngiebet ebda prova anzi l-istess konvenut xehed li n-nannu kien ighix bl-imghax tal-prezz;

2. L-akkwisti saru ferm wara l-1938 meta l-Air Ministry xtrat l-artijiet ta’ Vnezja;

3. A rigward Bay Cottage saret kawza separata dwar il-proprjeta` tieghu.

13. Fil-Kapitolu VIII giet deciza l-kwistjoni tal-fedecommess fis-sens li dan, billi kien dividwu, gie abrogat bl-Artikolu 3 tal-Att XII tal-1950 (Kapitolu 130). Jirrizulta li hu dividwu (u mhux individwu kif jallega l-konvenut fl-Affidavit tieghu tal-24 ta’ Dicembru 1996) mill-att kostituttiv li jghid li l-beni jghaddu ghand l-ulied, mill-proceduri tal-bejgh lill-Air Ministry, li minnhom jirrizulta li l-vendituri kienu tlieta, u mid-dikjarazzjoni tad-decujus stess fit-testment anness mac-citazzjoni. Ghalhekk il-konvenut Louis dei Conti Manduca mhux il-proprjetarju tal-proprjeta` kollha in divizjoni.

14. Il-beni in divizjoni ammontanti ghall-valur ta’ Lm66748.92 kif stmati mill-Perit Borg, jinqasmu b’assenjazzjoni u bix-xorti kif indikat mill-esponent u fil-kwoti li indika l-esponent fil-pjan ta’ divizjoni.”

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku addizzjonali l-AIC Frederick C. Doublet li tinstab a fol 648 et tal-process. Fiha jsemmi (fol 667 et) illi:

“**19.0: Lista tal-proprjeta`:**
Illi l-proprjeta` in kwistjoni tikkonsisti:
i) diretti dominji
ii) ghelieqi f’ Malta
iii) gheliqei f’ Ghawdex
iv) bini f’ Malta
v) lukri annwali ta’ Lm0.55,8
vi) ghalqa esproprjata mhux imhallsa “Ta’ Karwija”

vii) beni bla valur ghall-partijiet

**20.0 Diretti dominji bil-valutazzjoni:**

i. Proprjeta` u cens perpetwu ta' hamsa u ghoxrin centezmu fis-sena impost fuq il-fond 77 (gia 58), Alley 3, Dun Mario Street, Qormi, gie stmat **Lm5.00**.

ii. Cens perpetwu ta' zewg liri Maltin, wiehed u disghin centezmu u seba' millezmi (Lm2.91,7) fis-sena impost fuq korp ta' bini f'Irish Street, Vittoriosa, gie stmat **Lm58.34**.

a) 48 Irish Street Vittoriosa – Lm10
b) 49, 50 Irish Street Vittoriosa – Lm20
c) 51 Irish Street Vittoriosa – Lm20
d) 52 Irish Street Vittoriosa – Lm8.34

iii. Cens perpetwu ta' wiehed u ghoxrin lira Maltin, wiehed u tmenin centezmu u tliet centezmi (Lm21.81,3) fis-sena fuq proprjeta` l-Hamrun, gie stmat **Lm436.26**.

a) 23 Triq Censu Borg – Lm101
b) 23 Triq Censu Borg – Lm24.50
c) 25 Triq Censu Borg – Lm244.76
d) 658 St. Joseph High Road – Lm66

iv. Proprjeta` u cens perpetwu ta' zewg liri Maltin, ghaxar centezmi u erba' millezmi (Lm2.10,4) fis-sena imposti fuq l-ghalqa mlaqqma "tal-Flixkun" fi Triq tal-Barrani, limiti ta' Hal Ghaxaq, gie stmat **Lm32.08**.

v. Proprjeta` u cens perpetwu ta' lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1.20) fis-sena impost fuq l-ghalqa mlaqqma "Tal-Qasar" li tinsab fit-Trejqa ta' Xorb l-Ghagin, limiti taz-Zejtun, gie stmat **Lm24.00**.

vi. Proprjeta` u cens perpetwu ta' zewg liri Maltin, erbatax-il centezmu u sitt millezmi (Lm2.14,6) fis-sena impost fuq l-ghalqa mlaqqma "Tal-Istabar" li tinsab fit-Trejqa ta' Lombardi limiti taz-Zejtun, gie stmat **Lm42.92**.

vii. Proprjeta` u cens perpetwu ta' ghoxrin centezmu u tmien millezmi (Lm0.20,8) fis-sena impost fuq l-ghalqa mlaqqma "Tar-Rumi" li tinsab fit-Trejqa tal-Gharbi limiti taz-Zejtun, gie stmat **Lm4.08**.

**20.0** Illi ghalhekk it-total tal-valuri tad-dirett dominji huwa ta' Lm602.68.

**21.0 Ghelieqi f' Malta bil-valutazzjonijiet:**
L-ghelieqi f' Malta huma liberi u franki u huma:

i. L-Ghalqa tan-Nigret, limiti tar-Rabat, Malta, giet stmata **Lm24,500**, riferibbli ghall-erba' hbula: a) Lm9000, b) Lm7450, c) Lm5050 u d) Lm3000. Il-partijiet ghandhom 100% minn din il-proprjeta`.

ii. L-Ghalqa tax-Xiref, limiti ta' Hal Safi, giet stmata **Lm9,700**. Il-partijiet ghandhom 100% minn din il-proprjeta`.

iii. L-Ghalqa ta' Brolli, limiti ta' Birzebbugia, giet stmata **Lm11,400**. Il-partijiet ghandhom 100% minn din il-proprjeta`.

iv. L-Ghalqa ta' Dar il-Blat jew Tal-Barumbara, limiti tal-Mosta, soggetta ghal hlas annwu u perpetwu ta' tnejn u ghoxrin centezmu u hames millezmi (Lm0.22,5), giet stmata **Lm22.500**. Il-partijiet ghandhom 1/9 indiviz ta' din il-proprjeta` allura s-sehem taghhom jiswa Lm2,500.

v. L-Ghalqa tal-Hotba ta' Vnezja, limiti tal-Mosta, giet stmata **Lm38,580**, riferibbli ghall-erba' porzjonijiet hemm deskritti. Il-partijiet ghandhom 100% minn din il-proprjeta`.

**22.0 Ghelieqi f' Ghawdex bil-valutazzjonijiet.**
L-Ghelieqi f' Ghawdex huma liberi u franki.

i. L-Ghalqa ta' Gnien is-Sipti, limiti tan-Nadur, Ghawdex, soggetta ghall-hlas annwu u perpetwu ta' disa' hbub (3.125millezzmi) lejn il-Knisja Kattedrali ta' Ghawdex, giet stmata **Lm38,000**, riferibbli ghall-erba'

porzjonijiet. Il-partijiet ghandhom 100% minn din il-proprjeta`.

ii. L-Ghalqa ta' l-Gherejjex, limiti taz-Zebbug, Ghawdex, giet stmata **Lm63,500**. Il-partijiet ghandhom 100% minn din il-proprjeta`.

**23.0 Bini f' Malta – Normi ta' deskrizzjoni …**

**24.0 Bini f' Malta**
Il-fond 177, St Joseph Street, Senglea, libru u frank u jinsab mikri bil-prezz ta' mija u tletin lira Maltin (Lm130) fis-sena, gie stmat **Lm8,600**. Il-partijiet ghandhom 100% minn din il-proprjeta`.

**25.0 Bini f' Malta.**
Il-fond 9, Ix-Xatt Juan B. Azopardo, Senglea, libru u frank u jinsab mikri bhala garaxx privat bis-somma ta' mija u ha msin lira Maltin (Lm150) fis-sena, gie stmat **Lm9,550**. Il-partijiet ghandhom 100% minn din il-proprjeta`.

**26.0 Bini f' Malta.**
Il-fond 30, Ix-Xatt Juan B. Azopardo, Senglea, libru u frank u mikri hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) fis-sena, gie stmat **Lm4,275**. Il-partijiet ghandhom 1/3 indiviz ta' din il-proprjeta`, ghalhekk sehmhom jiswa Lm1,425.

**27.0 Bini f' Malta.**
Il-fond 31, Ix-Xatt Juan B. Azopardo, Senglea, libru u frank u mikri bhala boathouse ghal tnax-il lira Maltin (Lm12) fis-sena, gie stmat **Lm2,070**. Il-partijiet ghandhom 1/3 indiviz ta' din il-proprjeta`, ghalhekk sehmhom jiswa Lm690.

**28.0 Bini f' Malta.**
Il-fond 32, Ix-Xatt Juan B. Azopardo, Senglea, libru u frank u mikri bhala boathouse ghal ghoxrin lira Maltin (Lm20) fis-sena, gie stmat **Lm3,360**. Il-partijiet ghandhom 1/3 indiviz ta' din il-proprjeta` ghalhekk sehmhom jiswa Lm1,120.

**29.0 Bini f' Malta.**
Il-fond 65, Church Avenue u 27, Lampuka Street, Paola, soggett ghac-cens perpetwu imhallas lilll-Joint Office ta' zewg liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm2.10) fis-sena. Il-fond huwa mikri f'zewg partijiet li jinfdu ma' xulxin, il-parti bl-entratura minn Church Avenue b'kera ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) fis-sena, u l-parti bl-entratura minn Lampuka Street b'kera ta' sitta u disghin lira Maltin (Lm96) fis-sena. Dan il-fond gie stmat is-somma ta' **Lm10,800**. Il-partijiet ghandhom 100% minn din il-proprjeta`.

**30.0 Lucri Annwali.**
Lucri annwali minn 200 skudi Capitali Bollali ammontanti ghal hamsa u hamsin centezmu u tmien millezmi fis-sena li kapitalizzati bil-5% jigu valur ta' **Lm11.16**.

**31.0 Ghalqa esproprjata mhux imhallsa Ta' Karwija.**
L-Ghalqa sproprijata mhix imhallsa "Ta' Karwija. Illi l-kumpens ghal din l-ghalqa, limiti tal-Gudja, esproprijata mill-Gvern Civili ghall-estensjoni ta' l-airport jigi mqassam bejn il-partijiet meta jithallas.

**32.0 Beni bla valur finanzjarju.**
Illi l-partijiet jipposjedu kwart indiviz mill-ghalqa tal-Wati, limiti ta' ___ li l-introjtu indiviz ta' dan il-kwart huwa ta' hames centezmi u tmien millezmi (Lm0.05,8) fis-sena li jmorru ghac-celebrazzjoni ta' quddies u ghalhekk l-ghalqa ma ghandha l-**ebda valur ghall-partijiet**.

**33.0 Totali ta' valuri.**
Illi ghalhekk it-total tal-valuri ghall-partijiet ghal skopijiet ta' din il-qasma huwa:

Diretti Dominju Lm 602.68
Mqassma skond paragrafu 20.0 et seq (i) Lm5.00 + (ii) (a) Lm10 + (ii) (b) Lm20.00 + (ii)(c) Lm20.00 + (ii)(d) Lm8.34 + (iii)(a) Lm101.00 + (iii)(b) Lm24.50 + (iii)(c) Lm244.76 + (iii)(d) Lm66.00 + (iv) Lm32.08 + (v) Lm24.00 + (vi) Lm42.92 + (vii) Lm4.08 = Lm602.68.

Ghalqa tan-Nigret Lm 24,500
(A – Lm9,000; B – Lm7,450; C – Lm5,050; D – Lm3,000)

Ghalqa tax-Xiref Lm 9,700

Ghalqa Ta' Brolli Lm 11,400
(A – Lm5,700; B – Lm5,700)

Ghalqa Ta' Dar il-Blat Lm 2,500

Ghalqa Ta' Vnezja Lm 38,580
(A – Lm11,840; B – Lm7,060; C – Lm11,340; D – Lm8,340)

Ghalqa Gnien is-Sipti (Nadur) Lm 38,000
(A – Lm7,590; B – Lm7,220; C – Lm8,000; D – Lm7,450; E – Lm7,740)

Ghalqa Tal-Gharajjex (Marsalforn) Lm 63,500

177, St Joseph Str, Senglea Lm 8,600

9, Ix-Xatt J. Azopardo, Senglea Lm 9,550

30, Ix-Xatt J. Azzopardo, Senglea (1/3 indiviz) Lm1,425

31, Ix-Xatt J. Azzopardo, Senglea (1/3 indiviz) Lm690

32, Ix-Xatt J. Azzopardo, Senglea (1/3 indiviz) Lm1,120

65, Church Avenue, Paola Lm10,800

Lukri ta' 200 skud Lm11.16

Ghalqa Tal-Karwija (hlas mill-Gvern jitqassam) Nil

Ghalqa Tal-Wati (1/4 indiviz) Nil
Total Lm220,978.84

Minghajr id-dar ta' Church Avenue Paola (Lm10,800) li gejja wirt mir-ragel ta' Sylvia Ruggier (nee` Manduca) il-proprjeta` li gejja minn Antonio Manduca ghandha valur ta' (Lm220,978.84 – Lm10,800=)Lm210,178.84, mitejn u

ghaxart elef, mija u tmienja u sebghin liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu.

**34.0 Proporzjoni tal-partijiet – wirt ex Antonio Manduca.**
Illi fis-seduta tal-esponent numru 5 tad-dsatax ta' Frar 2001, il-partijiet qablu, (hlief ghal kwistjoni tal-fidi kommess li hi mertu ta' kawza ohra), mal-porzjonijiet skond Dok TM1.

Ghalhekk, il-proprjeta` ta' Antonio Manduca ghandha tinqasam;

Joe Muscat, Marlene Farley Hills u Miriam Cremona 64%
Maria Kitson Montalto 20%
Louis, Tony(1), Rose (Arnold)(1), Miriam (Semini)(2), 16%
tfal ta' Salvino Manduca = 4x 4%
Total 100%

1 Tony Manduca u Rose (Arnold) bieghu lill-kumpanija Yveto Ltd. li ghalhek akkwistat (4% + 4%) =8%
2 Miriam (Semini) bieghet lill-Baruni Igino Trapani Galea Feriol (San Marciano Ltd.) li ghalhekk akkwista 4%

Dan skond informazzjoni moghtija lill-esponent.

Il-proprjeta` ex Manduca giet valutata aktar 'il fuq bhala mitejn u ghaxart-elef, mija u sebghin liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm210.178.84) u ghalhekk il-proporzjonijiet fil-paragrafu precedenti jikkorrispondi mal-valuri:

i. Lm210.178,84 x 64% = Lm134.514,46
ii. Lm210.178.84 x 20% = Lm 42.035,77
iii. Lm210.178,84 x 16% = Lm 33.628,61
Total = Lm210.178,84

**35.0 Proporzjoni tal-partijiet – wirt ex ir-Ragel ta' Sylvia Ruggier.**

Illi l-proprjeta` li gejja mir-ragel ta' Syliva Ruggier u cioe` Numru 65 Church Avenue, Paola, ghandha tinqasam:

i. Louis, Tony, successuri fit-titolu ta' Rose (Arnold)(3), u Miriam Semini 26.6666*% (24/90)
ii. Frances Manduca 33.3333*% (3/90)
iii. Joseph Muscat, Marlene Farley Hills u Miriam Cremona 36.6666*% (33/90)
iv. Maria Kitson Montalto 33.3333*% (30/90)
Total 100% (90/90)

[3 Rose Arnold bieghet lill-Baruni Igino Trapani Galea Ferriol (San Marciano Ltd.), li ghalhekk xtara 8.8888*% (8/90).]

Il-proprejta` ex Ruggier giet valutata 'l fuq bhala ghaxart-elef u tmien mitt lira Maltin (Lm10,800). Ghalhekk il-proporzjonijet fil-paragrafu precedenti [35.0] jikkorrispondu fil-valuri;

i. Lm10,800 x 24/90 Lm2,880.00
ii. Lm10,800 x 3/90 Lm 360.00
iii. Lm10,800 x 33/90 Lm3,960.00
iv. Lm10,800 x 30/90 Lm3,600.00
Total Lm10,800.00

Din il-proprjeta` ma tistax tinqasam komodament u ghalhekk ghandha jew tinbiegh, jew parti/jiet tixtri/jixtru l-ishma tal-ohrajn, jew tibqa' indiviza.

**36.0 Pjan ta' divizjoni – Proprjeta` ex Antonio Manduca.**

Illi dwar il-proprjeta` ex Antonio Manduca l-ghalqa Tal-Gharajjex, valutata Lm63,500 ghandha tinqasam bejn il-partijiet fil-proporzjon tal-wirt ta' valuri;

i. Joe Muscat, Marlene Farley Hills u Miriam Cremona 64% Lm 40,640
ii. Maria Kitson Montalto 20% Lm 12,700
iii. Louis, Tony, Successuri fit-titolu ta' Rose (Arnold) [4], Successuri fit-titolu ta' Miriam (Semini) [5], tfal ta' Salvino Manduca 16% Lm 10,160
Total Lm 63,500

[4 u 5 Xtara il-Baruni Igino Trapani Galea Feriol (San Marciano Ltd) l-ishma li jiswew (4% = 4%=) 8% Lm6,160.]

**37.0 Pjan ta' divizjoni – Proprjeta` ex Antonio Manduca;**

Ghalqa tal-Gherejjex, Marsalforn, Ghawdex.

Illi peress li hemm sitt (6) permutazzjonijiet ta' tlett porzjonijiet inegwali kif tista' tinqasam l-ghalqa, u cioe` alternattivi tal-pozizzjoni relattiva ta' kull porzjoni u cioe`, thares lejn id-direzzjoni approssimativa lejn il-Lbic, mix-xellug ghal-lemin;

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| A | 64% | - | 20% | - | 16% |
| B | 64% | - | 16% | - | 16% |
| C | 20% | - | 64% | - | 16% |
| D | 20% | - | 16% | - | 64% |
| E | 16% | - | 20% | - | 64% |
| F | 16% | - | 64% | - | 20% |

Jirrizultaw (6 x 3 =18) tmintax-il bicca maqsuma bl-istabbilir grafiku ta' porzjonijiet ta' art bil-komputazzjonijiet tal-arja, li b'zewg sub-porzjonijiet (valuri ta' art differenti) kull porzjoni, jigu (18 x 2 =36), sitta u tletin bicca, minghajr ma biss wiehed jikkonsidra qasmiet ohra b'orjentazzjonijiet differenti, u dan ifisser hafna, hafna xoghol li fl-opinjoni tal-esponent mhux gustifikat.

Ghalhekk, Il-Perit Addizzjonali sejjer jaqsam din l-ghalqa bejn il-partijiet, kif huwa suggerit fin-nota N.B. 2 ta' Dok TM1 li wara kollox qablu dwaru il-partijiet, u sejjer jaddotta l-ewwel permutazzjoni, A, u ghal dan l-iskop hejja l-pjanta Annessa Drg No 3438-1, li turi l-allokazzjoni tal-porzjonijiet A, B, u C grafikament.

**38.0 Pjan ta' divizjoni – Proprjeta` ex Antonio Manduca;**

Minghajr l-Ghalqa tal-Gherejjex, Marsalforn, Ghawdex.
Illi minghajr il-valur tal-porzjonijiet tal-ghalqa tal-Gherejjex, il-partijiet ikun fadlilhom, bl-istess referenza bhal qabel, li tinqasam il-proprjeta` rimaneneti, cioe` valur ta' (Lm210,178.84 – Lm63,500 =) Lm146,678.84;

i. Lm146,678.84 x 64% Lm 93,874.46
ii. Lm146,678.84 x 20% Lm 29,335.77
iii. Lm146,678.84 x 16% Lm 23,468.61
Total Lm146,678.84

Dawn jistghu jinqasmu f'sitt (6) porzjonijiet ta' 16% u porzjon wiehed (1) ta' 4% li jigu 100% kif gej:
i. 4 porzjoni ta' 16% = 64% Lm 93,874.46
ii. 1 porzjon ta' 16% = porzjon ta' 4% Lm 29,335.77
iii. 1 porzjon ta' 16% Lm 23,468.61
Total 100% Lm146,678.84

Is-sitt (6) porzjonijiet ta' 16% (Lm23,468.61 il-wahda) u l-porzjon ta' 4% (Lm5,867.15) gie mizjud tlett centezmi ghal (Lm5,864.18) sabiex jikkompensa ghal inakkuratezzi tal-komputazzjonijiet fiskali mehudin sa zewg decimali. Dawn il-porzjonijiet gew imqassma kif jidhru fl-iskeda a fol 713.

Is-sitt (6) porzjonijiet minn 1 sa 6 jitilghu bix-xorti, izda l-porzjon numru 7 jrid jigi allokat lil min ghandhom 20% wara li jkunu tellghu x-xorti ghal porzjon ta' 16%.

L-ammonti li jridu jithallsu (jinhargu) minn xi porzjonijiet ta' 16% bhala ekwiparazzjoni huma:

Minn Porzjon Nru. 1 Lm87.65 jew 0.373% ta' Lm23,468.61

Minn Porzjon Nru. 2 Lm141.39 jew 0.602% ta' Lm23,468.61
Minn Porzjon Nru. 4 Lm218.61 jew 0.931% ta' Lm23,468.61

Tezisti l-possibilita` li l-porzjon numru 4 jigi ghand min ghandu 64% b'kollox u jekk jitilghulhom porzjonijiet li jircievu (jdahhlu) ammonti, ikunu qed ihallsu almenu parti minnhom lilhom infushom''.

Rat in-nota tal-Perit Doublet fol 724 li biha kkjarifika li:

i. Ir-referenza tal-pjanta msemmija fol 711 tal-process ghandha tkun Drg. No. 3438-2;
ii. L-indirizz tal-proprjeta` [(b)] a fol 670 tal-process ghandu jkun 16, Triq Censu Borg;
iii. A fol 663 tal-process sitt linji minn isfel il-figuri ghandhom jaqraw Lm19260;
iv. A fol 663 tal-process f' paragrafu [11.0] ghandu jigi mhassar in-numru 33 mit-titlu sabiex ikun: Fondi 30, 31, 32, Ix-Xatt Juan B. Azopardo, Senglea.

Inoltre fid-depozizzjoni tieghu tal-10 ta' Mejju 2004 semma li dak li hemm a fol 710 tal-process hames linji mit-tarf fir-raba' kolonna jrid jaqra 20%.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET U KONKLUZJONIJIET:**
Rat in-noti ta' osservazzjonijiet li jinsabu a fol 729 et u 731 et tal-process.

Il-kawza odjerna tittratta qasma tal-assi ereditarju mholli minn Antonio Dei Conti Manduca li miet fil-11 ta' Awissu 1960. Hu kellu sitt itfal li kienu kollha hajjin fid-data tal-mewt tieghu. L-eredita` tieghu hija regolata minn testment datat 19 ta' Gunju 1950 fl-atti tan-Nutar Dr. Edoardo Calleja Schembri. Importanti li wiehed isemmi li fis-6 ta' Dicembru 1965 mietet Sylvia Ruggier bint Antonio Dei Conti Manduca, mietet bla tfal u istitwiet bhala eredi taghha lill-hames hutha f' sehem ugwali bejniethom, skond testment sigriet datat 7 ta' Settembru 1949 u iehor pubbliku datat 7 ta' April 1958 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Vincenzo Maria Pellegrini. Dan wassal biex sehem

missierha ghadda ghand kull wiehed mill-hames hutha ossia li l-hames hutha ghalhekk kellhom 1/5 kull wiehed.

Fis-26 ta' Marzu 1970 Lilian Borg Olivier bint Salvino wiehed mill-ahwa bieghet sehma kollu mill-wirt (1/25) liz-zijiet taghha Robert, Frances u Marie Louise mart Dr. Francis Muscat ilkoll ahwa Manduca sehma mill-eredita` (1/25) b' att pubbliku tas-26 ta' Marzu 1970 fl-atti tan-nutar Dr. Joseph Agius. Is-successjoni ta' Robert Manduca kienet regolata permezz ta' testment tal-11 ta' Gunju 1965 atti Nutar Dr. Victor Bisazza li istitwixxa bhala eredi tieghu lil ohtu Frances Manduca.

Permezz ta' testment tal-11 ta' Gunju 1965 atti Nutar Dr. Victor Bisazza, Frances Manduca halliet bhala eredi universali taghha lil huha Robert Manduca izda b' testment tal-10 ta' Awissu 1979 fl-atti tan-Nutar Dr. Carmelo Lia hija rrevokat it-testmenti taghha precedenti u istitwiet bhala eredi universali taghha lil ohtha Marie Louise mart Dr. Frank Muscat. Bil-mewt ta' Frances Manduca sehma ghadda favur ohtha Marie Louise Muscat. Dan kollu jwassal biex sehem il-partijiet illum huwa ta' 64% appartenenti lil tliet ulied ta' Marie Louise Muscat u cioe` Joseph Muscat Manduca, Marlene Farley Hills u Miriam Cremona; 20% appartenenti lil Michael Kitson Attard Montalto, Susan Lee, Philip Kitson Attard Montalto u Frank Gordon Kitson bhala werrieta ta' Maria Angela Kitson imwielda Attard Montalto; 16% sehem l-erbat itfal ulied ta' Salvinu Manduca (peress lil Lilian Borg Olivier bieghet sehma) u cioe` Louis Manduca, Anthony Manduca (li biegh sehmu lil Yveto Limited), Rose Arnold (li bieghet sehma lil Yveto Limited) u Miriam Semini (li bieghet sehma lill-Baruni Gino Trapani Galea Feriol li pero` ma dahalx jiehu sehem fl-atti tal-kawza).

Dwar l-eccezzjonijiet li gew sollevati l-Qorti sejra tirriproduci l-parti tar-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Carmelo Vassallo minhabba li fil-fehma taghha ma hemm xejn xi tvarja u qeghda tapplikaha fl-intierizza taghha u qeghdha hawnhekk tigi riprodotta:

**<u>"L-eccezzjonijiet tal-konvenut Louis Manduca</u>**

1) <u>L-ewwel Eccezzjoni tal-Intempestitivita` tal-Azzjoni:</u>

L-eccezzjoni hija "illi (folio 170) c-citazzjoni ghall-divizjoni kif proposta hi intempestiva u ma tistax tigi akkordata billi fic-citazzjoni hemm beni li ma jidhlux fil-wirt ta' Antonio Manduca kif ukoll hemm beni li gew omessi barra li ma hemmx ebda rendikont ta' dawn l-ahhar ghoxrin sena u l-ipoteca ghadha vigenti kontra Frances Manduca u hi hekk debitrici lejn il-koeredi u ma jistax jinghata sehemha qabel din l-amministrazzjoni tigi quittata"

L-esponent jissottmetti illi din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda billi r-ragunijiet kif moghtija ghal din l-eccezzjoni jaghtu lok mhux ghall-intempestivita` tal-azzjoni izda ghall-produzzjoni tal-provi dwarhom waqt il-kawza, liema provi ma gewx prodotti.

2) <u>It-tieni eccezzjoni: irregolarita` tal-pozizzjoni assunta minn Frances Manduca:</u>

L-eccezzjoni hija (folio 170) "Illi l-attur Robert dei Conti Manduca miet fil-mori tal-kawza u in forza ta' testment tieghu llum hi eredi tieghu Frances Manduca li hi l-ezekutrici ta' Antonio d-decujus fid-divizjoni quddiem dina l-Onorabbli Qorti. Illi f'kaz ta' premorienza ta' Frances kellha tkun eredi l-attrici l-ohra Marie Louise Muscat. Illi dan juri car illi dawn it-tlieta kienu miftehmin bejniethom u ghalhekk ic-citazzjoni harget bl-ezekutrici bhala attrici u mhux konvenuta. Illi f'dan il-mod ma saritx it-talba li ggieghel lill-ezekutur jaghti rendikont u jistabilixxi l-entita` tal-assi tal-mejjet Antonio Manduca u tal-wirtijiet li jigu minnu.

L-esponent jissottometti illi din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda billi fl-azzjonijiet ta' divizjoni kull parti jitqies bhala attur u konvenut u ghalhekk il-fatt li Frances Manduca hija attrici ma jfissirx ebda irregolarita`. Il-konvenut ma jistax jindahal f'min ghandu jkun l-attur u min ikun konvenut.

3) It-tielet eccezzjoni: li mhix stabbilita` l-konsistenza tal-assi in kwistjoni u l-ishma tal-konvenuti.

L-eccezzjoni hi redatta hekk: "Illi stante li certi proprjetajiet kienu fedecommessari maskili dawn kienu diga` kwantu ghal nofs proprjeta` ta' Robert u Salvatore u n-nisa ma kellhomx parti minnhom. Dan ma giex indikat fic-citazzjoni u l-kwota ta' wahda minn hamsa (1/5) ghall-wirt kollu hi ghaldaqstant inkorretta u turi kolluzjoni bejn l-attrici nisa illi b'hekk jigu jakkwistaw aktar minn sehemhom kif hekk ghamlu wkoll fil-kuntratt ta' xiri ta' sehem Lilian armla minn Edgar Borg Olivier li cediet id-drittijiet ereditarji taghha bil-prezz irrizorju ta' Lm450 bla ma giet indikata il-konsistenza tal-assi, li biha kienu jafu biss il-kompraturi".

Dwar il-proprjeta` fede-commissarji u l-ishma tal-partijiet l-esponent jaghmel referenza ghall-Kapitorlu VIII.

Dwar ic-cessjoni minn Lilian Borg Olivier l-esponent jissottometti li b'cessjoni ta' kwota ereditarja ma hemmx bzonn li jigu ndikati l-beni li jikkomponu l-kwota ereditarja.

4) Ir-raba' eccezzjoni: illi mal-proprjeta` ma hemmx indikati l-oggetti ta' valur, flus u titoli msemmija f'ghomor Antonio Muscat.

L-esponent jissottometti illi din l-eccezzjoni tirrikjedi l-provi mill-konvenut dwar l-istess oggetti, flus u titoli, liema provi ma gewx prodotti u ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

5) Il-hames eccezzjoni: li hemm kawza pendenti kontra Frances Manduca ghall-malamministrazzjoni u approprijazzjoni u rapport lill-Avukat Generali tar-Repubblika.

L-esponent jissottometti li ma saru ebda provi dwar l-esistenza u l-ezitu tal-kawza u rapport imsemmija.

6) Is-sitt eccezzjoni: illi Frances Manduca xtrat f'isimha l-fond 5, Triq Sant'Ursola, Senglea, u d-dar Bay

View Cottage, Marsaskala, bi flus tal-vokati maskili, ad insaputa taghhom.

1. Jidher illi l-konvenut qieghed jallega illi dawn il-fondi nxtraw bi flus fedecommissarji u allura kellhom jifformaw parti mill-beni fedecommissarji, stante l-kondizzjoni (imposta mill-Qorti meta l-Airforce xtrat l-art ta' Vnezja) illi jinxtraw bil-prezz ta' din l-art beni ohra. Il-kuntratt ta' xiri jinsab esebit a folio 95 et seq., u l-kondizzjoni msemmija tinsab indikata fis-sentenza tal-5 ta' Novembru 1938 (folio 110 et seq), u cioe` (folio 114) il-Qorti ordnat "li l-prezz tal-bejgh tal-fondi in kwistjoni jigi mqieghed fil-banka "B.Tagliaferro & Sons" fi tliet depoziti separati u ndaqs bhala depozitu fiss ghal sena rinnovabbli ghall-gusta kawza minn sena ghal ohra b'digriet kamerali jew xort'ohra ta' dil-Qorti fuq rikors tal-interessati, sakemm dak il-prezz jigi f'daqqa jew bicca bicca impjegat fil-ksib ta' proprjeta` immobiljari li ghandha tigi surrogata fil-fedekommess in kwistjoni flok il-fondi li minn fuqhom gie mnehhi l-vinklu tal-fedekommess.

2. Dwar il-fond 5 Triq San'Ursola, Senglea, gie prodott il-kuntratt atti Nutar Victor Bisazza tat-12 ta' Settembru 1953, (Dokument MC1) a folio 423 tal-process li bih Frances Manduca xtrat dan il-fond bil-prezz ta' Lm850 li thallsu minnha lill-venditur fuq il-kuntratt.

3. Dwar il-fond l-iehor "Bay Cottage" gie prodott il-kuntratt tat-18 ta' Ottubru 1950 li bih Frances Manduca xtrat l-istess fond fil-prezz ta' Lm900. (Dokument TM a folio 439 tal-process).

4. L-esponent jikkonkludi li din l-eccezzjoni ghandha wkoll tigi michuda billi:

(1) Ma ngiebet ebda prova li l-flus li thallsu minn Frances Manduca kienu l-flus tal-prezz tal-art ta' Vnezja li hallset lAirforce lit-tielet vendituri fl-1938. Anzi a folio 93 l-istess konvenut xehed illi l-prezz ma ntuzax ghall-xiri ta' immobbli u n-nannu baqa' jghix bir-renta tal-imghax tal-istess prezz.

(2) Apparti dan, il-bejgh lill-Airforce sar fl-1938, mentri l-fondi gew akkwistati wiehed fl-1953 u l-iehor fl-1950, cioe` hafna snin wara li sar il-bejgh lill-Airforce.

(3) Di piu`, a rigward il-fond ta' Marsaskala mill-folio 216 tal-process jirrizulta li saret kawza dwar il-proprjeta` ta' dan il-fond u l-esponent qatt ma gie nfurmat bl-ezitu taghha.

## VIII. IL-KWISTJONI DWAR IL-FEDECOMMESS

1) Fl-affidavit tieghu prezentat fl-24 ta' Dicembru 1996 il-konvenut Louis Manduca qal li n-Nobbli Don Giuseppe dei Conti Manduca kien awtorizza lill-Conti Vincenzo Manduca li jimponi fedecommess fuq dak li wiret Don Antonio mill-eredita` ta' Don Giuseppe missieru sar raba' generazzjoni inkluza. Ghalhekk Don Antonio u uliedu sar-raba' generazzjoni ma setghux jittrasferixxu l-proprjeta` oggett tal-fedecommess. Antonio twieled fil-5 ta' Novembru 1821; ibnu Salvatore twieled fl-20 ta' Jannar 1851; ibnu Antonio twieled fil-11 ta' Gunju 1870 u miet fil-11 ta' Awissu 1960. Dan ta' l-ahhar kien in-nannu tieghu, u missieru Salvatore twieled fis-17 ta' Frar 1893 u kien il-kbir u miet fl-10 ta' Novembru 1967.

Hu twieled fl-4 ta' Ottubru 1920 u n-nannu kien jghid li uliedu Frances, Silvia, Marie Louise, Carolina u missieru ma kellhom xejn u li l-proprjeta` kollha kienet tieghu, u li "dan ikun padrun ta' hwejgu".

Qal ukoll ix-xhud illi l-buznannu, in-nannu u l-buz-buz-nannu kienu jgawdu l-proprjeta` tal-familja bhala uzufruttwarji, u hu kellu jiret il-proprjeta` kollha.

Skond il-ligi tal-1950 n-nannu kellu nofs biss tal-proprjeta` u n-nofs l-iehor kellu jsir tieghu.

Il-fedecommessi ta' qabel l-Ordinanza IV tal-1864 baqghet regolata bid-dispozizzjonijiet tal-ligi ta' qabel dak il-jum kompriz il-Kodici de Rohan.

Wara Gunju tal-1950 in-nannu ghamel testment li bih halla eredi lill-uliedu kollha (il-partijiet f' din il-kawza) kompriz missieru. Missieru miet bla testment. Ghandu kawza kostituzzjonali biex tiddikjara null l-Att XII tal-1950, u kawza ohra fil-Prim' Awla biex jigi dikjarat li hu ghandu jgawdi l-proprjeta` marbuta bil-fedekommess.

Il-konvenut esebixxa wkoll albero geneologico u atti tat-twelid.

2) B' nota ta' l-atturi Joseph Muscat Manduca, Miriam Cremona u Marlene Farley Hills prezentata fit-13 ta' Mejju 1997, dawn iddikjaraw li kull ma xehed Louis Manduca fl-affidavit hu irrilevanti ghaliex il-fedecommess ma kienx wiehed <u>indivizibbli</u> fis-sens ta' l-Artikolu 3 (a) ta' l-Att XII tal-1950, izda divizibbli, tant li b' sentenza tal-5 ta' Novembru 1938 l-istess fedekommess kien gie derogat billi l-Air Ministry setghet tiehu l-artijiet ta' Vnezja liberi u franki, u r-rikavat gie depozitat f' isem tliet persuni. Bl-Att XII tal-1950 l-istess fedecommess gie ghal kollox abrogat u l-immobbli sa dak in-nhar fedecommissarji saru tal-persuna li kienet tippossjedihom "hielsa minn kull xkiel". L-indivizibilita` tirrizulta wkoll mill-att ta' fondazzjoni.

3) L-esponent wara li ezamina l-kwistjoni wasal ghad-decizjoni favur il-konvenuti, fis-sens illi l-fedecommess kien abrogat bl-Att tal-1950, u allura l-konvenut Louis Manduca mhux korrett meta jghid li hu ghandu l-proprjeta` kollha tal-eredita` in kwistjoni – u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. <u>L-att ta' kostituzzjoni</u> jghid (folio 500 tal-process) illi l-beni soggett ghall-fedecommess "si dovranno godere ed usufruttuare del predetto Sig. Don Antonio dei Conti Manduca vita sua durante e dopo la di lui morte dovranno pervenire e pervenir debbano sottolo stesso vincolo, e fedecommesso <u>ai di lui figli</u>, nipoti, pro nipoti. Dan ifisser li l-fedecommess kien <u>dividwu</u> ghaliex ma jghaddix ghand persuna wahda, izda l-ulied kollha.

2. Meta l-Air Ministry xtara l-artijiet ta' Vnezja, ix-xiri ma sarx minghand persuna wahda (bhal ma jigri fil-kaz

ta' fedekommess individwu) izda minghand tliet persuni, u l-prezz gie depozitat favur it-tliet vendituri.

3. Mhix accettabbli x-xhieda ta' Louis Manduca li n-nannu kien ighid li uliedu ma kellhom xejn, l-ewwel nett ghaliex mhux verosimili li ntqal dan id-diskors (kieku stess kellu xi validita` bhala prova, billi l-ahjar prova hi l-att ta' kostituzzjoni) meta l-istess nannu fit-testment a folio 8 tergo jsemmi li qed ihalli lill-uliedu werrieta "fuq il-beni l-ohra tieghu kollha in generali tant liberi kemm dawka llum liberati u derogati minn qualunque fedecommess skond il-ligi l-gdida."

4. L-Att tal-1950 (illum Kapitolu 130 Volum IV tal-Ligijiet ta' Malta jghid fl-artikolu 3 illi:

"As from the material date all fideicommissa of whatever nature on moveables and immoveables, created at any time whether they be perpetual or temporary, shall be revoked and the property theretofore affected thereby shall be held free from fetters by the holder of such moveables and immoveables, subject however to such burdens, hypothecs duly authorised and liabilities as affected the fettered property."

Dan ifisser illi l-fedecommessi kollha gew abrogati b' din il-ligi, hlief fil-kaz ta' indivisible fideicommessa on immoveables kif provvdut fl-Artikolu 3 (a).

Ghalhekk fil-kaz prezenti, cioe` ta' fedekommess divizibbli, ma jsirx bhal ma qal il-konvenut fl-affidavit, illi nofs il-proprjeta` ssir tieghu u n-nofs l-iehor tal-vokat.

Id-divizjoni tat-3 ta' Frar 1951 a fol 30.

Il-konvenut Louis dei Conti Manduca jghid ukoll li dan l-att ta' divizjoni hu null peress li sar minghajr il-kunsens ta' missieru wiehed mill-vokati. L-esponent jaghmel riferenza ghal dak li hemm fl-istess kuntratt cioe` li l-fedecommess ma ghadux jezisti minhabba l-ligi tal-1950."

Jinghad ukoll li fl-1950 giet abrogata l-ligi tal-fedekommess. Il-fedekommess kien wiehed ta' natura indivizibbli u ghalhekk mal-hrug tal-Att XII tal-1950 gie ghal kollox abrogat. Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghar-rikors 530/96 fl-ismijiet Louis Manduca vs Il-Prim Ministru fejn intalbet dikjarazzjoni tal-Qorti dwar in-nullita` tal-ligi minhabba ksur ta' drittijiet fundamentali garantiti bl-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni u l-1 artikolu tal-1 Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja. Din kienet giet deciza fit-13 ta' Gunju 1997 u l-Appell gie michud fit-13 ta' Jannar 1999 u dan fuq il-bazi li l-provvedimenti fuq imsemmija ma kienu applikabbli ghax il-ligi impunjata kienet dahlet fis-sehh fil-5 ta' Mejju 1950 u kien gie dikjarat li "ir-rikorrent ma jista' jiehu l-ebda azzjoni a tenur tal-artikjolu 4 tal-Kap 319 u/jew a tenur tal-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni u, konsegwentement, din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet."

Ghalhekk wara li fuq il-bazi tar-relazzjoni tal-Perit Doublet gie likwidat l-assi tal-imsemmi Anthony Dei Conti Manduca u specifikat fi x' kien jikkonsisti l-Qorti tordna li l-beni hemm imsemmija jigu divizi fil-kwoti hawn fuq imsemmija bil-mod kif imsemmi fir-relazzjoni tal-Perit Doublet, u dan hlief ghall-fond 65, Church Avenue, Paola li dwaru sejra tiddispondi aktar 'l isfel. Ghalhekk tordna li ssir id-divizjoni kif imsemmi u ghal dan il-ghan il-Qorti tinnomina lin-Nutar Dr. Tonio Spiteri ghall-fini tal-pubblikazzjoni tal-att ta' divizjoni u kuratur biex jidher ghall-possibbli kontumaci lil Dr. Pierre Lofaro, liema pubblikazzjoni ghandha ssir fi zmien tliet xhur mil-lum f' data u hin li jigu ffissati minn din il-Qorti wara li jsir rikors ***ad hoc***.

Dwar il-fond 65, Church Avenue, Paola jinghad li dan il-fond kien proprjeta` ta' Sylvia Ruggier li wirtitu minghand zewgha. Skond it-testment datat 7 ta' April 1958 hi halliet b' legat dan il-fond lil hutha Maria Luisa, Carolina u Salvinu fi kwoti indaqs bejniethom u cioe` terz kull wiehed. It-terz ta' Carolina ghadda ghand Maria Angela Montalto Kitson li jghaddi ghand Michael Kitson Attard Montalto, Susan Lee, Philip Kitson Attard Montalto u Frank Gordon Kitson u cioe` ghandhom 5/60 kull wiehed u wahda minnhom. L-eredi ta' Salvinu Manduca kellhom 5/15

bejniethom li mar 1/15 ghand Louis Manduca, 1/15 ghand Antonio Manduca li bieghu lil Yveto Limited, 1/15 lil Rose Arnold li bieghetu lil Yveto Limited, 1/15 lil Miriam Semini u 1/15 lil Lilian Borg Olivier li ttrasferietu lil Roberto Manduca, Francesca Manduca u Marie Louise Muscat, u ghalhekk Louis Manduca ghandu 4/60, Miriam Semini ghandha 4/60 u Yveto Limited ghandha 8/60. L-eredi ta' Marie Louise Muscat ghandhom 24/60 tal-fond ossija 8/60 Joe Muscat, 8/60 Marlene Farley Hills u 8/60 Miriam Cremona.

Ghalhekk dwar dan il-fond l-ishma huma:
Joseph Muscat – 8/60
Marlene Farley Hills – 8/60
Miriam Cremona – 8/60
Michael Kitson Attard Montalto – 5/60
Susan Lee – 5/60
Philip Kitson Attard Montalto – 5/60
Frank Gordon Kitson – 5/60
Louis Manduca – 4/60
Miriam Semini – 4/60
Yveto Limited – 8/60

Jidher car li dan il-fond mhux komodament divizibbli u ghalhekk il-Qorti tordna l-bejgh tal-fond imsemmi in licitazzjoni bl-ammissjoni ta' oblaturi barranin.

Spejjez:
Joseph Muscat 21.334%,
Marlene Farley Hills 21.334%,
Miriam Cremona 21.334%,
Michael Kitson Attard Montalto 5%,
Susan Lee 5%,
Philip Kitson Attard Montalto 5%,
Frank Gordon Kitson 5%,
Louis Manduca 4%,
Miriam Semini 4%,
Yveto Limited 8%.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------